MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru 356/11

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**
**CLAUDIO CAUCHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Claudio Cauchi ta` 36 sena, iben Carmelo u Maria ydia xebba Zammit, mwieled San Giljan fit-2 ta` Marzu, 1974 residenti gewwa l-fond numru 147, Triq Blanche Huber, Sliema u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 144474(M)

Illi huwa akkuzat:

Talli fis-27 ta` Frar, 2011, ghall-habta tas-sebgha ta` filghaxija, f`dawn il-Gzejjer, u cioe` fi Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommetta serq ta` handbag, liema handbag kien

kontenenti flus kontanti kif ukoll mobile phone tal-marka Samsung li l-valur komplessiv taghhom jaqbez il-mitejn u hamsa u tletin ewro (Ewro 235), liema serq hu aggravat bil-valur u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta` Audrey Jean Spiteri u/jew ta` persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta` l-imputat fil-verbal datat 1 ta' Marzu, 2011

Semghet il-konferma ta` l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Claudio Cauchi** hati ta` l-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 261, 267, 270, 279 280 Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u Artikolu 22 tal-Kap. 446 tillibera lil imputat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il- xahar.

Din il-piena giet akkordata in vista ta` l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat u l-eta` govanili tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------